**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

6 t'April 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana - Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI**:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
☎:21652525, 21650937 @ :marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 36.1 | Qari ta’ ittri ta’ apologiji |
| 36.1 | Ma kienx hemm |
| 36.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta’ Minuti |
| 36.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 35, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 36.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Stephen issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti ta’ seduta 35, gew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 36.2.3 | Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett. |
| 36.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 36.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar l-10 ta’ Marzu 2017, kien iltaqa’ mas-Sur Michael Cohen minn Transport Malta u kienu gew diskussi fost l-ohrajn problemi ta’ parkegg u infurzar fil-lokalita’. |
| 36.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-10 ta’ Marzu 2017 kien iltaqa’ mad-Direttur ghall-Gvern Lokali u kien iddiskuta l-manutenzjoni tal-parkegg li kien qieghed jigi propost li jsir biswit il-grawnd tal-futbol bhala parti mill-pjan ta’ rigenerazzjoni. |
| 36.3.3 | Is-Sind informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-13 ta’ Marzu 2017 kellu laqgha ma’ ufficjali ta’ WasteServ li matulha kienet giet diskussa attivita’ ta’ tindif fil-lokalita’. |
| 36.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-13 ta’ Marzu 2017 kienet inzammet laqgha ghar-residenti gewwa l-iskola primarja b’konnessjoni mal-progett ta’ breakwaters ghal-lokalita’.<br>. |
| 36.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-14 ta’ Marzu 2017, kien iltaqa’ ma’ Dr.Randisi li kienet ipproponiet illi jigu nstallati numru ta’ magni tax-xorb tal-ilma matul Triq Xatt is-Sajjieda. |
| 36.3.6 | Is-Sindku qal illi nhar l-14 ta’ Marzu 2017, kien attenda ghal laqgha mtella’ mill-kumitat ghat-tismija tat-toroq gewwa n-Naxxar. |
| 36.3.7 | Is-Sindku qal illi nhar il-15 ta’ Marzu 2017 kien iltaqa’ ma rapprezentanti ta’ ERA bil-ghan illi jigi diksussa il-process relatat mal-istudju EIA ta’ proposta ghal lukanda gdida fiz-zona tal-maghluq. |
| 36.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mal-Kunsillier Daniel Zerafa kien attenda ghal-laqgha plenarja tal-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali.<br>Kienet |
| 36.3.9 | Is-Sindku qal illi nhar is-16 ta’ Marzu 2017, kien iltaqa’ mal-Perit Daniel Cordina u kien iddiskuta materji relatati ma’ roundabout li kien hemm fi Triq iz-Zejtun. |
| 36.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-16 ta’ Marzu 2017, kienet inzammet laqgha tal-bord tal-immaniggjar tal-park ta’ Xrobb l-Ghagin. |
| 36.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nar l-20 ta’ Marzu 2017, waqt laqgha li kellu mas- |

| | |
|---|---|
| | Sur Ramon Deguara kien iddiskuta fost l-ohrajn l-installazzjoni ta' CCTV cameras f'zoni fil-lokalita' u s-sitwazzjoni tal-iskart tal-istabbilimenti kummercjali fil-lokalita'. |
| 36.3.12 | Is-Sindku qal illi nhar it-22 ta' Marzu 2017 kien iltaqa' ma rapprezentanti tal-OPM Energy u kien iddiskuta pagament ex-gratia li kien qieghed jigi kkunsidrat li jigi mhgoddi lil uhud mill-bejjiegha tas-suq fil-berah li jkunu lesti jirtiraw il-posta taghhom. |
| 36.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-23 ta' Marzu 2017 kien iltaqa' mas-Sur Vince Attard minn Nature Trust Malta rigward il-progett ta' konservazzjoni taz-zona tal-ballut. |
| 36.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-24 ta' Marzu 2017 kien iltaqa' mas-Sa. Catherine Cauchi u kien iddiskuta maghha l-proposta ta' ftuh ta' *house museum* fil-lokalita'. |
| 36.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-23 ta' Marzu 2017 hekk kif maqbul kienu inzammu l-interviews ghall-kandidati ghall-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv. |
| 36.3.16 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nha ril-25 ta' Marzu 2017 kienet inzammet attivita' ta' tindif gewwa l-park ta' Xrobb l-Ghagin. Is-Sur Gauci zied jghid illi wara l-attivita' indirizza konferenza ghall-istampa l-Onor. Dr. Jose Herrera. |
| 36.3.17 | Is-Sur Horace Gauci qal illi njhar it-28 ta' Marzu 2017, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' ma rapprezentanti ta' Green MT u kienu gew diskussi attivitajiet li l-istess Green MT kienet ser tkun qieghda torganizza fil-lokalita' fl-okkazjoni tal-festa ta' San Girgor 2017. |
| 36.3.18 | Is-Sindku qal illi nhar it-30 ta' Marzu 2017 kienet inzammet laqgha ma' Enemalta li matulha kien gie diskuss kont tad-dawl u l-ilma li fl-opinjoni ma kienx rejalistiku u invoice mill-istess Enemalta rigward allegata hsara fi Triq il-Wilga. |
| 36.3.19 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-Kunsillier Daniel Zerafa kien attenda ghal konferenza ghall-istampa organizzata mill-Perit Carmel Cacopardi rigward zvilupp li kien qieghed jigi propost fiz-zona tal-maghluq. |
| 36.3.20 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi bejn it-2 u s-6 t'April 2017, kien attenda ghal seminar gewwa l-kroazja dwar il-progett CityMobilNet f'isem ir-Regjun Xlokk. Is-Sur Gauci zied jghid illi l-Kunsill Lokali ma kien hareg ebda fondi. |
| 36.3.21 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-11 ta' April 2017 kienet inzammet laqgha gewwa l-Parlament li matulha kienu gew diskussi materji teknici relatati mas-serata mill-Malta International Fireworks Festival li kienet ser tkun qieghda tinzamm gewwa Marsaxlokk. |
| 36.3.22 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-12 ta' April 2017 kienet inzammet laqgha li matulha l-Kunsill Lokali kien gie aggornat minn AIS bl-istudji u zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' progett ta' pipeline li kien qieghed jigi implimentat mill-Gvern Centrali. |
| 36.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 36.4.1 | Ma kienx hemm. |

| | |
|---|---|
| F’dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Daniel Zerafa 17:30 | |
| 36.5 | Rapporti |
| 36.5.1 | Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-kunsill Lokali lista’ ta’ adjustments ghall-financial statements li kienu gew propost mill-udituri mqabbda mill-Gvern Centrali. |
| 36.5.2 | Wara li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettal l-adjustments li kienu gew proposti fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Horace Gauci ssekondat mis-Sur Stephen Caruana il-Kunsill Lokali unanimament approvaw id-dokument |
| 36.5.3 | Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ir-rapport. |
| 36.5.4 | Is-Sindku pprezenta rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kienet tinhtieg decizjoni. Il-korrispondenza kienet tikkonsisti mis-segwenti bid-decizjonijiet rispettivi:<br><br>- E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigwardd il-hatra tas-Sur Duncan Hall bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tintalab estensjoni ta’ tliet xhur.<br>- Ittra minghand WasteServ Malta Ltd. li permezz taghha il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-lokalita ta’ Marsaxlokk kienet ikklassifikat fl-ewwel post rigward gbir ta’ skart organiku (per capita). Il-Kunsill Lokali kien rebah premju ta’ **€**5000.<br>- Applikazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jorganizza korsijiet tal-lifelong learning 2017-2018.<br>- Talba minghand is-Sezzjoni nisa tal-banda tal-lokalita’ sabiex fis-17 t’April 2017 tigi organizzata egg hunt. Kien hemm qbil illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni.<br>- Dikjarazzjoni tal-president ta’ Malta dwar akkwist ta’ art. Is-Sindku spjega kif l-art kienet mehtiega ghall-ftuh ta’ triq gdida.<br>- Talba mis-Sur Alexander Bellia sabiex jinghata permess jghaddi cable minn katusa li kien hemm fi Triq Ghajn Osiris. Gie stabbilit illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghat-talba.<br>- E-mail lil Cobra Installations li permezz taghha il-Kunsill Lokali talab illi jinghata lista ta’ fornituri b’konnessjoni ma’ progett li kien sar fi Triq Xatt is-Sajjieda.<br>- E-mail mibghut lis-Sur Nicholas Sammut li permezz tieghu is-Sindku f’isem il-Kunsill Lokali ccara l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali rigward permess ghal attivita’ li kien intalab fiz-zona tal-maghluq.<br>- E-mail lis-Sur Elton John Saliba li permezz tieghu il-Kunsill Lokali informa lill-istess Sur Saliba bil-permessi li kellu bzonn jikseb sabiex itella’ attivita’ f’Jum San Girgor 2017.<br>- Permezz ta’ e-mail il-kumitat Sezzjonali PN Marsaxlokk gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigward nuqqasijiet u perikli li fl-opinjoni tal-istess kumitat kien hemm fi Triq iz-zejtun.<br>- Gie deciz illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal applikazzjonijiet ghal-zvilupp bin-numri PA/01622/17, PA/01659/17, PA/01660/17, PA/04038/16, PA/00235/17, PA/04481/16, PA/04951/16, PA/05913/16, PA/06498/16, PA/00539/17, PA/01518/16, PA/07219/16, PA/02183/17, PA/02121/17, RG/00400/17, PC/0012/17, PA/02611/15, PA/02217/17, PA02499/17, PA/06635/16, PA/06858/16 u PA/0004/16. |
| 36.6 | Mozzjonijiet |
| 36.6.1 | <u>Mozzjoni Nru 03-2017 (VII)</u> |

| | |
|---|---|
| | *Fid-dawl tal-problema li tezisti rigward l-imwejjed u siggijiet. Fejn qieghd inhoss li mhux qeghdin naslu. Prezentament hafna restaurants qeghdin japplikaw ghal permess fuq il-promenade mill-<u>Planning Authority .</u>*<br>*l-istess art li hi encroached lilhom mill-<u>lands department</u> . Fid-dawl tal-problema ezistenti li <u>Transport Malta</u> ma tippermetiex li ikel ghandu jghaddu mit-toroq taghha li jirrizulta li mhux permessibli juzghu dik l-art ghal-attivita kummercjali taghhom.*<br>*Fid-dawl li L-<u>awtorita tat-turizmu</u> ma taghtiex permess li l-imsemmija art tigi uzata ghat-tqassim jew uzu ta' ikel.*<br>*Fid-dawl li hafna ilmenti mir-residenti hu li minhabba l-attivita illegali u esagerata tar-ristoranti okkupaw bicca sew mill-promenade, ma ihallux spazzju lil-istess residemti minn fejn jaghddu. Fid-dawl li is-sajjieda mhux ikollhom facilita fejn jahdmu u jonxru ingenji taghhom. Fid-dawl li jipparkjaw karozzi b-mod illegali man naha tal-bankina ta'mal bini.*<br>*U inpoggu inkonsiderazzjoni li it-triq hija wiesa daqs tlett kareggati spazzjuzi.*<br>*Qieghed nipproponi li kif hekk kif ghaddejjin il-fazijiet tal-progett ta' rigenrazzjoni Nitolbu li titwessa il-bankina b' wisa ta' karregata wahda ghal iskopoijiet li se nsemmi.*<br>*1. Li nevitaw karozzi li jipparkjaw man naha tal-bini b mod illegali*<br>*2. Ikun hemm naha fejn jipparkjaw veturi mod komdu*<br>*3. Karreggata tibqa normali u libera*<br>*4. Li jaghti iktar spazzju fejn jitpoggew imwejjed u siggijiet minflokk jibqghu jitpoggew fuq il-promenade fejn din tithalla vojta.*<br>*▪ B hekk igawdu aktar l-access ir-residenti*<br>*▪ Sajjieda ikunu jistghu jahdmu aktar f kumdita'*<br>*5. Inkunu qeghdin nirregolaw l-istess restauranti*<br>*▪ mill imwejjed zejda li jarmaw*<br>*▪ mill-problema ta TM fejn ma jaqsmux izjed bl-ikel fit-triq*<br>*▪ li fil kaz li jinfetah restaurant gdid bejn zewg restaurants ezistenti dan ma isibx problema biex ikollu l-ispazzju tieghu quddiem biebu.*<br>*B hekk nemmen li jekk din il-proposta tghaddi inkunu b gebla wahda solvejna hafna apetti u inkunu ibbilancjajna is-setturi u stakeholders li jezistu gewwa Marsaxlokk*<br><br>Proponent: Daniel Zerafa<br><br>Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-mozzjoni tigi emendata u wara l-kliem "inkunu qieghdin nirregolaw l-istess resauranti" jizdied il-kliem " ma ghandhomx isiru tined u jsiru marki fizici sabiex jigu delinejati z-zoni awtorizzati ghall-uzu ta' mwejjed u siggijiet".<br><br>Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Daniel Zerafa, ssekondata mis-Sindku, il-mozzjoni hekk kif emendata ma giet approvata b'votazzjoni ta zewg voti favur u tliet voti kontra |
| F'dan l-istadju is-Sur Stephen Caruana hareg mis-seduta (17:50) | |
| **36.5.2** | <u>Mozzjoni Nru 04-2017 (VII)</u><br>*Wara xhur ta' osservazzjoni gie innutat li bejn is-central strip tal-Maghluq li tisspera il-Maghluq u triq il-Wilga qieghed ikun hemm kongesstjoni ta' traffiku minhabba nuqqas ta' tabelli.*<br>*Prezentament Triq il-Wilga hija one way fejn tidhol minn hdejn l-isqaq Gulinu Maniscalco direzzjoni lejn il-Hunters. Turi dan hemm tabella wahda biss.*<br>*Inzid nghid li fid-dahliet ta' central strips sewwieqa ma ikunux jafu jekk iridux jiksru xellug u lemin minhabba li ma hemmx tabelli jindikaw dan. Jigri meta jiksru fuq xellug isibu karozzi gejjin fid-direzzjoni opposta u allura ikollhom jergghu lura b kawza li jinholqu hafna inkonvenjenzi u dizgwit.* |

| | |
|---|---|
| | *Qieghed nipproponi li sabiex insahhu il-kontroll tat-traffiku isiru dawn in-numru ta tabelli immarkati fil-mappa hawn taht. Liema tabelli huma*<br>• *Tabella one way bejn l-Iplace u il-hajt tal-villa*<br>• *Tabella 'zomm max-xellug ' quddiem dahla ta' l-iplace*<br>• *Tabella one way quddiem dahla ta southeast*<br>• *Tabella 'zomm max-xellug' mad-dahla li tiprosewwi*<br>• *Tabella one way fill kantuniera triq il-wilga ma Triq Carmelo Grech*<br><br>Proponent : Daniel Zerafa<br>Il-mozzjoni ma sabitx sekondant u ghaldaqstant ma ghaddietx ghall-fazi ta' votazzjoni. |
| 36.6.3 | <u>Mozzjoni Nru 05-2017 (VII)</u><br>*Il-barumbara ta' Triq tax-Xerrik ila snin imdawwra b bini mibni illegali li qieghed johloq inkonvenjenza lir-residenti tal-madwar li ghandhom garaxx u xejn estetiku f din iz-zona.*<br>*Qieghed nipproponi li il-kunsill jiehu pariri sabiex jara fil-possibilta' li jibda process li dan il-bini illegali jitwaqqa izda mhux il-barumbara*<br>*Huwa tal-hsieb li jekk l-art tirrizulta li hija pubblika allura bhala kunsill nippropni ukoll li fil-futur nahdmu biex jew l-art tigi ikkonvertita ghal uzu tal-kommunita, bhal xi gnejna zghira jew sabiex it-traffiku ikun jista jigi kontrollat ahjar.*<br><br>Proponent: Daniel Zerafa<br>Sekondant: Horace Gauci<br>Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni wara votazzjoni. |
| 36.6.4 | <u>Mozzjoni Nru 06-2017 (VII)</u><br>*Fid-dawl tal-problema li tezisti magenb il-bankina ta madwar xatt is sajjieda, fejn matul il-jum qeghdin jipparkjaw karozzi bla permess u mhux qeghda tiitiehed azzjoni. Dan peress li hem diskrepanza u versjonijiet differenti ta' kif jigi interpretat line abjad shih magenb bankina. Izda line isfar doppju shih ifisser m hemmx waqfien u wisq izjed m hemmx ipparkjar.*<br>*mela allura sabiex din tinqata nipproponi li jekk hu skrutinju tal-kunsill isiru marki sofor doppji bhala sinjali sabiex ma jipparkjawx izjed karozzi magenb din il-bankina. B din l-azzjoni inhoss ukoll inkunu ghamilna dmirna u f kaz li dawn il-marki ma jigux rispetatti inkunu nistghu insejjhu iz-zama ta' l-ordni. FIlwaqt li dawn il-marki tghinhom sabiex tirratifika is-sitwazzjoni*<br><br>Proponent : Danil Zerafa<br>Il-mozzjoni ma sabitx sekondant u ghaldaqstant ma setghetx tghaddi ghall-votazzjoni. |
| 36.7 | Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv |
| 36.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet saret interview lill-uniku kandidata eligibbli, il-bord mahtur mill-Kunsill Lokali kien irrakkomanda illi s-Sa. Emmanuela Vella tinhatar bhala Segretarju Ezekuttiv. |
| 36.7.2 | Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Steven Grech ssekondat mis-Sur Daniel Zerafa u li ghaddiet b'votazzjoni unanima gie deciz illi s-Sa. Vella kellha tigi mitluba tattendi l-Kunsill Lokali nhar id-19 ta' April 2017. Kemm il-darba tikkonferma illi kienet interessata timla' l-post vakanti il-Kunsill Lokali kellu jaghzel lilha sabiex tkun Segretarju Ezekuttiv gdid fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |

| | |
|---|---|
| 36.8 | Jum Marsaxlokk 2017 |
| 36.8.1 | Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali bil-preparamenti li kienu ghaddejjin b'konnessjoni ma' Jum Marsaxlokk 2017 li kien ser ikollu bixra ftit differenti minn tas-snin precedenti peress illi kien ser jahbat ma' attivita' ohra li kienet ser tkun qieghda tittella' mill-fondazzjoni Valletta 2018. Gie deciz fost l-ohrajn illi bibita li kienet tittella' fl-okkazjoni ma kelliex tinzamm |
| 36.8.2 | Is-Sur Gauci zied jghid illi b'konnessjoni ma' Jum Marsaxlokk 2017, il-Kunsill Lokali kien ircieva nomina wahda ghal rikonoxximent ta' Mro. Etienne Spiteri fl-okkazzjoni ta' gheluq l-ghaxar snin minn meta beda jaghti s-servizzi tieghu lill-banda tal-lokalita'.<br>Fuq proposta tas-Sa. Janice Chetcuti ssekondata mis-Sur Daniel Zerafa il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi jilqa' r-rakkomandazzjoni. |
| 36.8.2 | Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi fl-opinjoni taghha kien xieraq illi jinghata rikonoxximent lis-Sinjuri Frank Cachia u s-Sur Victor Fenech presidenti ta' Marsaxlokk F.C. u Marsaxlokk A.S.C. rispettivament peress illi z-zewg ghaqdiet sportivi kienu ghamlu gieh lill-lokalita'Is-Sur Steven Grech issekonda l-proposta ta' Sa. Chetcuti li ghaddiet b'votazzjoni unanima. |
| 36.8.3 | Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, Gieh Marsaxlokk 2017 kellu jinghata lis-Sur Lino Psaila. Wara li s-Sindku spjega kif fl-opinjoni tieghu, is-Sur Psaila kien haqqu jiehu Gieh Marsaxlokk ghal diversi motivi, il-Kunsill Lokali unanimament iddecieda illi Gieh Marsaxlokk ghas-sena 2017 jinghata lis-Sur Psaila. |
| 36.09 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi ta' pagamenti |
| 36.09.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 4/17 ) ghall-approvazzjoni. |
| 35.09.02 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mill-Kunsillier Daniel Zerafa, il- Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti |
| 35.09.03 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash mahrug matul Marzu 2017 ghall-approvazzjoni. |
| 35.09.04 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mis-Sindku, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 36.10 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 36.10.01 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 11 ta' Mejju 2017 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 11 ta' Mejju 2017

Horace Gauci
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv